

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/166

tal-10 ta' Frar 2021

**li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/1368 fir-rigward tal-estensjoni tal-programmi nazzjonali fis-settur tal-apikultura**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Dicembreu 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieg fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KEE) Nru 1037/2001 u (KEE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikulari l-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57 u l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 223(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 (²) jistabbilixxi r-regoli għan-notifika, l-approvazzjoni u l-emenda tal-programmi nazzjonali tal-apikultura.
- (2) Skont ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³), il-programmi nazzjonali mfassla għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2019 sal-31 ta' Lulju 2022 għandhom jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 (⁴) jistabbilixxi limitu massimu annwali għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija ("FAEG"). Fi ħdan dak il-livell massimu, dak il-fond se jiffinanza l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi tal-apikultura, b'effett mill-2021. L-ammont totali previst fil-qafas finanzjarju pluriennali fir-rigward tal-FAEG jinkludi żieda ta' EUR 60 miljun fis-sena għall-programmi tal-apikultura.
- (4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmodifikaw il-programmi nazzjonali tagħhom sabiex jitqiesu l-estensjoni taż-żmien u ż-żieda fil-baġit għas-settur tal-apikultura. Huma jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-programmi mmodifikati li għandhom bżonn approvazzjoni sal-15 ta' Marzu 2021.
- (5) Sabiex tīgi żgurata l-kontinwitā fil-pagamenti, dawk marbuta mal-miżuri implementati mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 jenħtieġ li jintbagħtu lill-benefiċċjarji bejn is-16 ta' Ottubru 2022 u l-15 ta' Ottubru 2023.

(¹) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għajnejha lis-settur tal-apikultura (ĠU L 211, 8.8.2015, p. 9).

(³) Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Dicembreu 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjoni għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Dicembreu 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/1368 jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/1368 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, it-tieni paragrafu li ġej jiġi miżjud:

“Sal-15 ta' Marzu 2021, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-emenda għall-programmi nazzjonali tagħhom skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Din l-emenda għandha tqis il-kontribuzzjoni miżjud tal-Unjoni mill-2021.”;

- (2) fl-Artikolu 5(1) jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“L-emendi tal-programmi tal-apikultura skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni, skont il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, sal-15 ta' Ġunju 2021.”;

- (3) fl-Artikolu 7, jiddaħħal it-tielet paragrafu li ġej:

“B'deroga mit-tieni paragrafu, il-pagamenti marbuta mal-miżuri implementati mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 għandhom isiru bejn is-16 ta' Ottubru 2022 u l-15 ta' Ottubru 2023.”.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2021.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*